Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 76/21**
il-Lussemburgu, 12 ta’ Mejju 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-505/19
WS vs Bundesrepublik Deutschland

## Il-prinċipju li jipprojbixxi l-kumulu ta’ proċeduri jista’ jipprekludi l-arrest, fiż-żona Schengen u fl-Unjoni Ewropea, ta’ persuna kkonċernata minn senjalazzjoni Interpol

*Dan ikun il-każ meta l-awtoritajiet kompetenti jsiru jafu b’deċiżjoni ġudizzjarja definittiva li tikkonstata l-applikazzjoni ta’ dan il-prinċipju, meħuda fi Stat li jkun parti mill-Ftehim ta’ Schengen jew Stat Membru*

Fl-2012, l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta’ Pulizija Kriminali (Interpol) ippubblikat, fuq talba tal-Istati Uniti u abbażi ta’ mandat ta’ arrest maħruġ mill-awtoritajiet ta’ dan il-pajjiż, avviż aħmar li jikkonċerna lil WS, ċittadin Ġermaniż, fid-dawl tal-estradizzjoni eventwali tiegħu. Meta persuna li tkun is-suġġett ta’ tali avviż tiġi llokalizzata fi stat li jkun membru tal-Interpol, dan għandu, bħala prinċipju, jipproċedi għall-arrest provviżorju tagħha jew jissorvelja jew jirrestrinġi l-movimenti tagħha.

Madankollu, qabel il-pubblikazzjoni stess ta’ dan l-avviż aħmar, fil-Ġermanja kienet inbdiet kontra WS proċedura ta’ investigazzjoni li tirrigwarda, skont il-qorti tar-rinviju, l-istess fatti bħal dawk li minnhom oriġina dan l-avviż. Din il-proċedura ngħalqet definittivament fl-2010, wara l-ħlas ta’ somma flus minn WS, u dan konformement ma’ proċedura speċifika ta’ tranżazzjoni prevista fid-dritt kriminali Ġermaniż. Sussegwentement, il-Bundeskriminalamt (l-Uffiċċju Federali tal-Pulizija Kriminali, il-Ġermanja) informa lill-Interpol li huwa qies li, minħabba din il-proċedura preċedenti, il-prinċipju ta’ *ne bis in idem* kien applikabbli f’dan il-każ. Dan il-prinċipju, stabbilit kemm fl-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen [1] kif ukoll fl-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”), jipprojbixxi b’mod partikolari li persuna li l-kawża tagħha tkun diġà nqatgħet b’mod finali tiġi pproċessata mill-ġdid għall-istess reat.

Fl-2017, WS ippreżenta rikors kontra l-Ġermanja quddiem il-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Qorti Amministrattiva ta’ Wiesbaden, il-Ġermanja), sabiex tiġi ordnata tieħu l-miżuri neċessarji għall-irtirar ta’ dan l-avviż aħmar. F’dan ir-rigward, WS jinvoka, minbarra ksur tal-prinċipju ta’ *ne bis in idem*, ksur tad-dritt tiegħu għall-moviment liberu, iggarantit mill-Artikolu 21 TFUE, sa fejn huwa ma kienx jista’ jmur fi stat li huwa parti mill-Ftehim ta’ Schengen jew fi Stat Membru mingħajr riskju li jiġi arrestat. Huwa qies ukoll li, minħabba dan il-ksur, l-ipproċessar tad-data personali tiegħu, li tinsab fl-avviż aħmar, kienet tmur kontra d-Direttiva 2016/680, dwar il-protezzjoni tad-data personali f’materji kriminali [2].

Huwa f’dan il-kuntest li l-Verwaltungsgericht Wiesbaden iddeċidiet li tinterpella lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ *ne bis in idem* u, b’mod iktar preċiż, dwar il-possibbiltà li jsir l-arrest provviżorju ta’ persuna li tkun is-suġġett ta’ avviż aħmar f’sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni. Barra minn hekk, fil-każ tal-applikabbiltà ta’ dan il-prinċipju, din il-qorti tfittex li ssir

[1] Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen tal-14 ta’ Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta’ l-Istati ta’ l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta’ kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, iffirmata f’Schengen (il-Lussemburgu) fid-19 ta’ Ġunju 1990 u li daħlet fis-seħħ fis-seħħ fis-26 ta’ Marzu 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9, iktar ’il quddiem il-“KFS”).

[2] Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas 27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta’ reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta’ pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6).

taf liema huma l-konsegwenzi fuq l-ipproċessar, mill-Istati Membri, ta' data personali li tinsab f'tali avviż.

Fis-sentenza tagħha tal-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikolu 54 tal-KFS kif ukoll l-Artikolu 21(1) TFUE, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 50 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-arrest provviżorju, mill-awtoritajiet ta' Stat li jkun parti mill-Ftehim ta' Schengen, jew minn dawk ta' Stat Membru, ta' persuna kkonċernata minn avviż aħmar ippubblikat mill-Interpol, fuq it-talba ta' Stat terz, ħlief jekk jiġi stabbilit, f'deċiżjoni ġudizzjarja definittiva meħuda fi Stat li jkun parti minn dan il-ftehim jew fi Stat Membru, li l-kawża ta' din il-persuna tkun diġà nqatgħet b'mod finali rispettivament minn Stat li jkun parti mill-imsemmi ftehim jew minn Stat Membru għall-istess fatti bħal dawk li fuqhom dan l-avviż aħmar ikun ibbażat. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi wkoll li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2016/680, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 54 tal-KFS u tal-Artikolu 50 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-ipproċessar ta' data personali li tinsab f'avviż aħmar maħruġ mill-Interpol, sakemm ma jkunx ġie stabbilit, permezz ta' tali deċiżjoni ġudizzjarja, li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* japplika fir-rigward tal-fatti li fuqhom dan l-avviż ikun bbażat, sa fejn tali pproċessar jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti minn din id-direttiva.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* jista' japplika f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni, jiġifieri f'kuntest fejn tkun ġiet adottata deċiżjoni li tagħlaq b'mod definittiv proċeduri kriminali permezz tal-osservanza mill-persuna kkonċernata ta' ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari l-ħlas ta' somma flus stabbilita mill-Uffiċċju tal-Prosekutur.

Wara din il-preċiżazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, fl-ewwel lok, li l-Artikolu 54 tal-KFS, l-Artikolu 50 tal-Karta, kif ukoll l-Artikolu 21(1) TFUE ma jipprekludux l-arrest provviżorju ta' persuna kkonċernata minn avviż aħmar tal-Interpol, sakemm ma jiġix stabbilit li l-kawża tagħha kienet inqatgħet b'mod finali minn Stat li jkun parti mill-Ftehim ta' Schengen jew minn Stat Membru għall-istess fatti bħal dawk li fuqhom ikun ibbażat l-avviż aħmar u li, għaldaqstant, japplika l-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li, meta l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* tibqa' inċerta, arrest provviżorju jista' jikkostitwixxi stadju indispensabbli sabiex isiru l-verifiki neċessarji filwaqt li jiġi evitat li l-persuna kkonċernata taħrab. Din il-miżura hija għalhekk iġġustifikata mill-għan leġittimu li tiġi evitata l-impunità tagħha. Min-naħa l-oħra, peress li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* kienet ġiet ikkonstatata permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja definittiva, kemm il-fiduċja reċiproka li teżisti bejn l-Istati li huma partijiet mill-Ftehim ta' Schengen kif ukoll id-dritt ta' moviment liberu jipprekludu tali arrest provviżorju jew iż-żamma ta' dan l-arrest. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li huma l-Istati li huma partijiet mill-Ftehim ta' Schengen u l-Istati Membri li għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' rimedji ġudizzjarji li jippermettu lill-persuni kkonċernati jiksbu tali deċiżjoni. Hija tirrileva wkoll li, meta arrest provviżorju jkun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, minħabba l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, stat li jkun membru tal-Interpol li jastjeni milli jwettaq tali arrest ma jonqosx milli jwettaq l-obbligi tiegħu bħala membru ta' din l-organizzazzjoni.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar id-data personali li tinsab f'avviż aħmar ta' Interpol, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li kull operazzjoni applikata għal din id-data, bħar-reġistrazzjoni tagħha fil-fajls tad-data ta' Stat Membru, tikkostitwixxi "ipproċessar" li jaqa' taħt id-Direttiva 2016/680 [3]. Minbarra dan, hija tqis, minn naħa, li dan l-ipproċessar isegwi skop leġittimu u, min-naħa l-oħra, li ma jistax jitqies li huwa illegali unikament minħabba li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* jista' japplika għall-fatti li fuqhom l-avviż aħmar ikun ibbażat [4]. Dan l-ipproċessar, mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, jista' barra minn hekk jirriżulta indispensabbli, preċiżament sabiex jiġi vverifikat jekk l-imsemmi prinċipju japplikax.

[3] Ara l-Artikolu 2(1) u l-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2016/680.
[4] Ara l-Artikolu 4(1)(b) u l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/680.

F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, ukoll, li d-Direttiva 2016/680, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 54 tal-KFS u tal-Artikolu 50 tal-Karta, ma tipprekludix l-ipproċessar ta’ data personali li tinsab f’avviż aħmar, sakemm deċiżjoni ġudizzjarja definittiva ma tkunx stabbilixxiet li l-prinċipju ta’ *ne bis in idem* japplika f’dan il-każ. Madankollu, tali pproċessar għandu josserva l-kundizzjonijiet previsti minn din id-direttiva. F’din il-perspettiva, dan għandu b’mod partikolari jkun neċessarju għall-eżekuzzjoni ta’ missjoni, imwettqa minn awtorità nazzjonali kompetenti, għal finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta’ reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta’ pieni kriminali [5].

Min-naħa l-oħra, meta l-prinċipju ta’ *ne bis in idem* japplika, ir-reġistrazzjoni, fil-fajls tad-data tal-Istati Membri, ta’ data personali li tinsab f’avviż aħmar tal-Interpol ma tkunx iktar neċessarja, peress li l-persuna inkwistjoni ma tistax tkun iktar is-suġġett ta’ proċeduri kriminali għall-fatti koperti mill-imsemmi avviż u, b’konsegwenza, tiġi arrestata għal dawn l-istess fatti. Isegwi li l-persuna kkonċernata għandha tkun tista’ titlob it-tħassir tad-data tagħha. Jekk madankollu din ir-reġistrazzjoni tinżamm, din għandha jkollha magħha l-indikazzjoni li l-persuna inkwistjoni ma tistax tiġi iktar ipproċessata fi Stat Membru jew fi Stat kontraenti għall-istess fatti, minħabba l-prinċipju ta’ *ne bis in idem*.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

[5] Ara l-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2016/680.